



27.10.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta
Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2176(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea ("Impriża Konġunta") għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jilqa' l-bidu b'suċċess tal-attivitajiet mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail) fi tmiem l-2021, stabbilita taħt il-programm Orizzont Ewropa (2021-2022) bħala s-suċċessur universali tal-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) fl-2022;
3. Jinnota li l-valur totali stmat tal-attivitajiet fl-2022 jammonta għal EUR 102,4 miljun (li minnhom EUR 90 miljun mill-Membri apparti l-UE);
4. Ifaħħar l-istadji kruċjali miksuba mill-Programm S2R sa tmiem l-2022, b'impenn sħiħ ta' riżorsi u madwar 86 % tal-Programm imwettaq (91 % fl-eżekuzzjoni finanzjarja għall-2023);
5. Jinnota li l-baġit annwali finali tal-Impriża Konġunta għall-2021 kien ta' EUR 171,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 180,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 100 % għal tal-ewwel u ta' 79,1 % għal tal-aħħar;
6. Jinnota li, fir-rigward tal-kontijiet proviżorji tal-EU-Rail, ma wasal l-ebda ċertifikat tal-awditjar dwar l-İKOP/İKAA 2022; jistenna l-validazzjoni ta' İKOP 2022 wara sottomissjonijiet tal-ispejjeż tal-proġetti fi Frar 2023;
7. Jinnota li, fl-2022, il-valur kumulattiv tal-attivitajiet mogħtija mill-EU-Rail lill-S2R għall-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni jammonta għal EUR 619,4-il miljun u realizzat għal EUR 92 miljun;
8. Jilqa' l-impenn tal-Impriża Konġunta li tiffaċilita l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għal network ferrovjarju Ewropew integrat, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza;
9. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2022.